# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI 2070

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2738/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Av Matthew Brincat bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Diego Righi (Passaport numru AA0195949)**

**vs**

**Emerald Shipping Limited (C2908)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 10 ta' Mejju 2011

Permezz ta' din id-Decizjoni qed tigi deciza l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan il-kaz peress li l-impieg in kwistjoni gie redatt u kkuntrattat fl-Isvizzera u x-xoghol relattiv kellu jitwettaq fic-Cina. Tqajmet ukoll il-kwistjoni tal-ligi applikabbli f'kaz li dan it-Tribunal huwa kompetenti jisma' l-kaz.

**Il-Fatti Relevanti**

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu Rikors b' lment li gie pprezentat fir-Registru fis-27 ta' Novembru 2009 mill-avukat Dottor Matthew Brincat fil-vesti ta' mandatarju specjali tar-rikorrent assenti, liema Rikors imbaghad ghadda fis-segreterija tat-Tribunal fit-30 ta' Novembru 2009.

Ir-rikorrent ircieva minn ghand is-socjeta` konvenuta *engagement letter* datata 27 ta' Marzu 2009 fejn ir-rikorrent gie offrut jaghmel xoghol fic-Cina minn nofs April 2009, liema impieg kellu jispicca jew ghall-ahhar tas-sena 2010 jew wara li wahda mill-partijiet tkun tat xahar avviz ("notice") ta' terminazzjoni ta' l-impieg lill-parti l-ohra. Din l-ittra hija esebita mir-rikorrent bhala dokument DR1 u qed tissejjah mill-istess rikorrent bhala "kuntratt ta' impieg"; ma jirrizultax li huwa kkontestat li dik l-ittra fil-fatt tikkostitwixxi l-kuntratt ta' impieg bejn ir-rikorrent u s-socjeta` intimata.

F'xi zmien mhux ben specifikat, ir-rikorrent talab li jinghata *leave* specjali ghaliex kien ser jadotta tarbija mill-Kolombja. Fit-8 ta' Settembru 2009 il-kumpanija intimata baghtet email lir-rikorrent fejn infurmatu li t-talba tieghu ghal-leave ma setghetx tintlaqa', u infurmatu wkoll li minhabba l-fatt li huwa ma kienx qed jaghmel xogholu sew l-impieg tieghu kien qed jigi terminat b'effett mit-8 ta' Ottubru 2008 (igifieri fi zmien xahar); qaltlu wkoll li kienet iddecidiet li tkompli thallsu sat-30 ta' Novembru 2009.

B'ittra ohra tat-30 t'Ottubru 2009 il-kumpanija intimata infurmat lir-rikorrent li kienet qed tirtira d-decizjoni li thallsu zejjed mit-8 t'Ottubru 2009 sat-30 ta' Novembru 2009 minhabba li r-rikorrent ha passi legali kontra l-istess kumpanija, u in oltre infurmatu li peress li fl-ahhar gimgha ta' xogholu huwa wegga', kien ser jigi kkumpensat gimgha extra fuq in-*notice period* li kellu jiskadi fit-8 t'Ottubru 2009. Wara dan, infetah dan il-kaz.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-partijiet ghamlu ammont voluminuz ta' sottomissjonijiet validissmi, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-ligi applikabbli, izda dan it-Tribunal irid jibda billi jiddeciedi dwar jekk bhala forum f'Malta huwiex kompetenti jkompli jisma' l-kaz, u cioe` ghandux gurisdizzjoni.

Il-gurisdizzjoni ma tistax tigi konfuza mal-ligi applikabbli; il-Qrati u Tribunali Maltin huma fl-ewwel lok kompetenti li jisimghu kazijiet li ghandhom il-gurisdizzjoni taghhom radikata f'Malta bis sahha ta' Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Paragrafu (f) tas-subinciz (1) jistipula li l-Qrati Maltin ikollhom gurisdizzjoni f'kaz ta' "*kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalita' guridika distinta jew assocjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta*." Mill-ftit provi imressqa irrizulta li l-kumpanija intimata hija registrata f'Malta u allura japplika dan is-subinciz; l-argument li l-kumpanija m'ghandhiex assi f'Malta ma jwassalx biex il-fora Maltin jitilfu l-gurisdizzjoni taghhom, daqskemm ma jitilfux il-gurisdizzjoni taghhom il-fora Maltiin jekk kumpanija Maltija tkun falliet u ma jkunx fadlilha assi. Din id-dispozizzjoni fil-ligi Maltija ma tikkonfliggix ma' dispozizzjonijiet tal-Ligi Ewropea. L-avukat Dottor Paul Gauci Maistre jiccita l-Brussels I Regulation, ossia l-Council Regulation (EC) 44/2001 ta' l-Unjoni Ewropea li tghid li jkun hemm gurisdizzjoni jew meta l-kumpanija mharrka jkollha s-sede statutorju f'dak il-pajjiz partikolari, jew meta dik il-kumpanija jkollha l-amministrazzjoni centrali f'dak il-pajjiz, jew dak il-pajjiz ikun il-post principali tan-negozju ta' dik il-kumpanija.

Is-socjeta` konvenuta targumenti li la l-kuntratt tax-xoghol kellu jigi ezegwit fic-cina, allura l-Qrati Cinizi ghandhom Cinizi; wiehed jista' javvanza argumenti ohra li l-Qrati Svizzeri u Taljani wkoll jista' ghandhom gurisdizzjoni peress li l-employer jopera mill-Isvizzera u l-impjegat jghix fl-Italja. Minghajr ma dan it-Tribunal jidhol fil-mertu ta' jekk il-Qrati ta' dawk il-pajjizi ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu dan il-kaz, jinghad biss li dejjem tibqa' l-possibilita` li jkun hemm gurisdizzjoni konkorrenti f'zewg pajjizi jew aktar, u dan it-Tribunal jehtieglu jiddeciedi biss jekk il-for a Maltin ghandhomx gurisdizzjoni. Huwa car li mill-fattispece ta' dan il-kaz il-Qrati jew Tribunali Maltin ghandhom gurisdizzjoni jisimghu dan il-kaz a bazi tal-fattli Emerald Shipping Limited hija kumpanija registrata f'Malta.

Ghal dak li jirrigwarda l-ligi applikabbli  l-abbli difensur tas-socjeta` intimata jinvoka l-Kapitolu 482 tal-Ligijiet ta' Malta li adotta bhala ligi domestika il Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 Fuq il-Ligi li Tapplika ghal Obbligazzjonijiet Kontrattwali[1], u jikkontendi li fil-kaz ta' nuqqas ta' ftehim mod iehor bejn il-partijiet b'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-ligi applikabbli ghandha tkun dik tal-pajjiz fejn l-"impjegat soltu jaghmel ix-xoghol tieghu fl-esekuzzjoni tal-kuntratt", u jsostni li x-xoghol kien qed jigi ezegwit fic-Cina u allura l-ligi applikabbli hi dik tac-Cina.  Din it-tezi hija bazata fuq l-argument li ghalkemm il-kumpanija intimata hija registrata f'Malta, l-istess kumpanija topera mill-Isvizzera mentri l-impjegat huwa residenti l-Italja.  Ir-rikorrent, kif ben rapprezentat, isostni li veru japplika Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, izda mhux il-paragrafu (a) citat mill-kontroparti imma il-provizo li jzid "*sakemm ma jkunx jidher mic-cirkostanzi kollha li l-kuntratt ikollu rabta eqreb ma' pajjiz iehor, f'liema kaz il-kuntratt ghandu jkun regolat mill-ligi ta' dak il-pajjiz.*"

Dan it-Tribunal jinnota li l-principju tal-'ligi tal-pajjiz li mieghu l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta' ghandu jiehu prevalenza, tant li Artikolu 4 ta' l-istess Konvenzjoni jissottolineah u jipprovdi dwar x'inhi r-rabta.  Mill-provi migjuba jirrizulta li s-socjeta` intimata ghandha l-amministrazzjoni centrali taghha fl-Isvizzera; hemm gie abbozzat il-kuntratt u minn hemm harget l-offerta lir-rikorrent ghal biex jimpjega ruhu.  It-Tribunal ghalhekk jifhem li meta l-partijiet accettaw li jidhlu f'dan il-kuntratt ta' impieg, kull wiehed minnhom kellu f'mohhu kundizzjonijiet ta' l-impieg u standards skond kif johorgu mill-ligi Svizzera.  Dan it-Tribunal ihossu konvint li la min ihaddem u l-anqas l-impjegat ma kienu qed jipprospettaw li jkunu regolati mill-ligi Ciniza, u wisq anqas mill-ligi Maltija.

[1] Dawk il-kuntratti li gew iffirmati wara s-17 ta' Dicembru 2009 issa saru jaqghu taht  ir-Regolament (EC) 593/2008 on the law applicable to contractual obligations, li rrimpjazza r-Rome I Regulation.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddecidi preliminarjament billi jichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, u in oltre jiddikjara li ghal dak li jirrigwarda l-ligi applikabbli din ghandha tkun il-ligi Svizzera. It-Tribunal jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz skond il-ligi.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman